MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2010

Numru. 768/2003

Il-Pulizija
(Sp Jeffrey Cilia)
vs
Emanuel Spiteri, iben Andrew, imwieled Qormi, fit-18 ta' Jannar, 1954, Karta ta' l-Identita' numru 149854(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni talli fit-18 ta' Settembru, 1998, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'Ħal-Qormi, b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, u cioe' –
Xjentement, b'kull mod li jkun, laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ, fosthom diversi kaxxi tal-viti misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew

barra minn Malta, jew , xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-9 ta' Mejju, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 18, 334, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Diċembru, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoniu lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-10 ta' Lulju, 1998 u fl-24 ta' Awwissu, 1998 saru żewġ serqiet mill-fabbrika tal-Continental Postform, fil-marsa Industrial Estate. Minn dan il-fond insterqu diversi oġġetti fosthom madwar 240 kaxxa viti tal-aluminium.

Illi ftit ġimgħat wara l-pulizija ġiet infurmata minn wieħed mis-sidien ta' din il-fabbrika li kien hemm kwantita' ta' viti fil-ħanut ta' l-imputat. Minn dan il-ħanut l-imputat kien ibiegħ l-aluminium u l-aċċessorji li jmur ma dan it-tip ta' negozju.

Fil-fatt, il-pulizija marru fil-ħanut ta' l-imputat Ħal-Qormi u infurmawh li dawn il-viti kienu misruqa. Dan il-viti kienu jinsabu f'boroz tal-peat li kellhom ġo fihom kaxxi bil-viti. L-imputat mill-ewwel informal ill-puliżija li kellhu kaxxi oħra tal-viti fi store ieħor li kien ftit bogħod mill-ħanut. Minn dawn iż-żewġ fondi ġew elevati sitta u sebgħin (76) kaxxa ta' viti ta' diversi tipi.

Illi l-imputat spjega lill-pulizija li kienet ġiet persuna li qaltlu li kien hemm fabbrika li ser jibdel in-negozju u għalhekk riedet teħles minn dawn il-viti. Din il-persuna riedet tbiegħ kull kaxxa viti għall-prezz ta' Lm8 iżda n-negozju ġie magħluq bil-prezz ta' Lm5 għal kull kaxxa viti. L-imputat qal li ma jafx min kienet din il-persuna iżda qal lill-pulizija li jekk jerġa jiġi jinforma lill-uffiċjal li kien qed jinvesiga dan il-każ.

Illi fil-fatt, din il-persuna regħet marret tbiegħ il-kaxxi tal-viti. L-imputat ta ordni lill-impjegat tiegħu biex jieħu n-numru tal-karozza ta' din il-persuna u konsegwenza ta' din l-azzjoni dan il-każ ġie solvut.

Illi fil-mori ta' din il-kawża xehdet il-persuna li kienet tbiegħet dawn il-viti lill-imputat. Illi hu xehed li ma qalx lill-imputat li dawk il-viti kienu misruqa iżda qal li l-imputat kien jaf b'dan il-fatt. F'parti oħra mix-xhieda tiegħu hu xehed li qal lill-imputat biex ineħħi dawk il-kaxxi tal-viti mill-boroż tal-plastic għaliex kien ikun perikoluz għalih. Fil-fatt, il-pulizija sabu dawn il-kaxxi tal-viti fil-boroz hekk kif tidħol fil-ħanut ta' l-imputat. Kieku kien veru li l-imputat kien jaf li dawn l-oġġetti jaħarqu zgur li ma kienx iżommhom fil-beraħ fejn kulħadd setgħa jarhom.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputat kien 'in buona fede' meta xtara dawn l-oġġetti. Dan jixhdu l-fatt li l-kaxxi tal-viti ma kienx sura u għalhekk kienu fil-boroz tal-plastic u dan jagħti lok għal fatt li hu xtara bi prezz irħis dawn l-oġġetti. Minbarra dan, il-fatt li l-imputat ma għamel ebda attentat biex jaħbihom anżi kompletament il-kuntrarju joħroġ il-fatt ulterjuri tal-'buona fede' tiegħu.

Għaldaqastant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------